MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 649/2004

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid 1323/04 fl-ismijiet:**

**Stephen Caruana**

**Vs**

**Albert Xuereb f'ismu propju u in rapprezentanza Ta' AL Investments Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta' Albert Xuereb f'ismu proprju fejn talab li dina l-Qorti joghogbha:

1. Tordna l-hrug tal-kontromandat opportun fil-konfront tieghu ai termini tal-paragrafi (d) u (f) tas-sub-inciz (1) ta'l-Artikolu 836 bil-konsegwenza li jigu revokati l-effetti kollha ta' l-esekuzzjoni tal-mandat fuq citat fil-konfront tieghu, u
2. Tikkundanna lil Stephen Caruana ihallas in linea ta' penali dik is-somma li tiffissa din l-Qorti f'ammont ta' mhux anqas minn Lm 500 u mhux aktar minn Lm 3000 u dan a termini tas-subinciz (8) ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12

U dana billi huwa estranju ghall-konvenju li kien hemm bejn Stephen Caruana u AL Investments Ltd.

**Rat ir-risposta ta' intimat** fejn issottometa illi Alfred Xuereb fil-kapacita' tieghu personali ma jistax jigi ezonerat mir-responsabilita tieghu u dan minhabba l-fatt li hu personalment kien involut f'kull stadju u ma jistax jinghad li huwa estranju ghall-kwistjoni fejn Stephen Caruana u AL Investments Ltd anzi ghall kuntrarju hu ghandu jassumi r-responsabilita' tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi jirrizulta mill-konvenju li Albert Xuereb kien deher fuqu li hu ma kienx qed jidher personalment izda ghal nom tal-Kumpanija AL Investments Ltd. L-intimat issottometta fit-trattazzjoni li jista' jirrizulta li r-rikorrent kien approprja ruhhu mill-flus depozitati u ghalhekk ghandu jkun responsabbili ukoll personalment.

Trid dejjem issir distinzjoni bejn il-kapacita' li biha wiehed jidher fuq xi att cjoe jekk wiehed qed jidher personalment jew inkellha ghan nom ta' xi ente guridiku.

Huwa minnu li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom infushom jkunu responsabbili ghal delitti jew kwazi delitti, u ghalhekk il-kundanna kontra taghhom trid issir tramite l-persuna li ghandu r-responsabilita biex jagixxi ghan-nom taghhom. Dan huwa intiz proprju biex tigi evitata eccezzjoni f'dan is-sens u dana a skapitu ta' l-individwu li jkun sofra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kwazi delitt meta wiehed jasal ghall kundanna.

Trid issir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors tkun personali, bhal ma hija fil-kamp penali, u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawza l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obbligi civili (cjoe l-kuntratti u l-kwazi kuntratti). Meta ghalhekk l-effett huwa identiku u jikkonverti ruhu fi hlas ta' somma ghad-danni, m'ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall-hlas ta' danni rizultanti minn kawza ta' obbligu kuntrattwali u dak rizultanti minn responsabilita delittwali.

Ara sentenzi A. Mizzi vs G. Schembri 4 ta' Frar 1992; Pace vs Attard 14 ta' Lulju 1995 u Galea vs Hili 1 ta' Ottubru 1996.

F'dana l-kaz, jekk jirrizulta li l-kumpanija approprjat ruhha indebitament minn xi flus, l-kundanna ser tkun l-istess u tikkonverti ruhha fi hlas ta' flus li l-kumpanija trid thallas u mhux r-rikorrent personalment. Pero, ma hemmx prova, sa issa, li xi flus gew approprjati mir-rikorrenti minnu personalment.

Il-fatt li Stephen Caruana hallas lill Albert Xuereb b'*cheque* intestat fuq isem Albert Xuereb biss ma jbiddilx il-vesti li biha Xuereb kien qed jidher fuq il-konvenju.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat imsemmi ghal dak li jirrigwarda l-vesti tieghu personali ghandha tigi milqugha.

Kwantu ghat-tieni talba ghal hlas ta' penali, dina t-talba ma tistax tigi milqugha billi r-rikorrent ma ndikax taht liema subinciz ta' l-artikolu 836(8) hu qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu. Per ezempju ma jirrizultax li r-rikors sar kapriccjozament kontra tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti qed tiddeciedi

billi tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent
tichad it-tieni talba
Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------